Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 339/2014

Il-Pulizja

Vs

Raymond Xerri

Illum 26 ta' Jannar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Raymond Xerri, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 327467M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

**1.** Fil-24 ta' Jannar 2010 u fil-jiem ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, laqa' ghandu jew/u akkwistati b'reat, u cioe' kaxxa tal-hadid sew jekk dan saret f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

**2.** u aktar talli sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma defenittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fid-29 ta' Lulju, 2014, fejn il-Qorti **l-Artikoli 17, 23, 31, 49, 50, 334 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddeciedi li tikkundana lill-imputat ghal piena karcerarja ta' sena effettiva.**

Rat ir-rikors tal-appell tal-istess Raymond Xerri, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-8 ta' Awwissu, 2014, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentament tilliberah minn kull imputazzjoni u htija, u subordinatament, f'kaz ta' konferma ta' htija, illi tinfliggi piena aktar ekwa u gusta skond il-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Illi **fl-ewwel lok,** jinghad bir-rispett, illi, strettament minghajr pregudizzju ghall-fatt illi l-esponenti qed jishaq l-innocenza tieghu, anke jekk ghall-grazzja tal-argument u ghall-grazzja tal-argument biss, jigi accettat li l-agir in kwistjoni jikkostitwixxi r-reat tar-ricettazzjoni, tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, tali reat sehh se mai sehh fil-bidu ta' Novembru 2009 u mhux fid-data indikata fic-citazzjoni. Ghaldaqstant, minhabba l-fatt li d-data indikata fic-citazzjoni hija l-24 ta' Jannar 2010 u l-jiem ta' qabel, l-esponenti ma seta' qatt jinstab hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu.

**Fit-tieni lok**, l-esponenti umilment jissottometti illi ma ngabitx il-prova sal-livell ta' minghajr dubju dettat mir-raguni li l-kabina in kwistjoni kienet l-istess kabina li nsterqet fi Frar tal-2009. Kwindi, fin-nuqqas ta' tali prova wiehed mill-elementi materjali tar-reat tar-ricetazzjoni, ossia li l-oggett kien gej minn attività kriminuza

(f'dan il-kaz minn serq) ma giex pruvat, u konsegwentament, bir-rispett, l-esponenti qatt ma seta' jinstab hati tad-delitt ta' ricetazzjoni.

**Fit-tielet lok**, jinghad bl-akbar dovut rispett illi l-esponenti ma jaqbilx mar-ragunament tal-Ewwel Onorabbli Qorti fejn iddikjarat li giet pruvata x-xjenza mehtiega sabiex jissussisti r-reat ta' ricettazzjoni, ghaliex skond Hi, l-akkwist tal-kabina in kwistjoni ma kienx wiehed regolari. Kwindi, fl-umili fehma tal-esponenti, lanqas l-element formali tar-reat in kwistjoni ma gie ppruvat u konsegwentament ghandu jigi liberat mill-htija.

**Fir-raba' lok,** l-esponenti, strettament minghajr pregudizzju dwar il-kontestazzjoni dwar il-mertu, sejjer, bir-rispett, jaghmel sottomissjonijiet dwar il-piena, fejn juri kif: a) l-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali ma kellux jigi kwotat mill-Ewwel Onorabbli Qorti fid-decide taghha, u li wkoll; b) f'kaz ta' konferma ta' htija, l-piena li nghatat mill-Ewwel Onorabbli Qorti, kienet wahda eccessiva, u ghandha tkun wahda aktar miti skond ic-cirkostanzi tal-kaz.

**1) <u>DATA FIC-CITAZZJONI</u>**

Ghall-ahjar kjarezza ta' hsieb u sabiex jigu evitati malintizi, l-esponenti umilment jissottometti illi huwa ghadu jsostni l-innocenza tieghu u ghaldaqstant, it-talba tieghu f'dan l-umili appell, hija li tigi revokata s-sentenza ta' htija tal-Ewwel Onorabbli Qorti, u li konsegwentament, jigi liberat minn kull htija u piena.

Madanakollu, qabel ma jidhol fid-dettal fil-mertu l-esponenti sejjer iressaq ukoll dan l-ewwel aggravju tieghu a bazi ta' dak li jistipola l-artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali kif interpretat mill-Qrati.

L-artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminal jipprovdi li:

> "Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, <u>bil-partikularitajiet ta' żmien</u> u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw.Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi

arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat."[1]

Il-Qorti tal-Appell fil-kawza ***l-Pulizija vs Rita Zammit,*** deciza nhar l-14 ta' April 2005, cahdet l-appell tal-Avukat Generali u ikkonfermat l-liberazzjoni li nghatat mill-Qorti tal-Magistrati, ghaliex filwaqt illi d-data fic-citazzjoni kienet taqra *"25 t'Ottubru 2002"*, mill-provi kien irrizulta li l-allegata serqa kienet sehhet fil-25 ta' Awwissu 2002. L-istess Qorti tal-Appell iddikjarat ukoll illi d-data tal-kommissjoni tal-allegat reat hija cirkostanza materjali u rriteniet li:

> *"l-Ewwel Qorti fuq il-provi kollha li kellha qatt ma setghet issib htija dwar kommissjoni ta' reat f'data ta' xahrejn wara meta rrizulta li r-reat gie kommess".*

Fil-kaz ***il-Pulizija vs Ramon Mifsud Grech et.***, deciz mill-Qorti tal-Magistrati nhar it-23 ta' April 2012, per Mag. Dr. D Clarke, il-Qorti illiberat lill-imputati mill-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra taghhom, ghaliex filwaqt illi l-imputazzjonijiet fic-citazzjoni kienu jirreferu ghall-incident li sehh nhar il-25 ta' Ottubru 2009 ***"ghall-habta ta' xi l-hdax ta' filghaxija"***, il-provi li ngabu quddiem il-Qorti kienu jirreferu ghall-fatti li sehhew fid-29 ta' Ottubru 2009 "fit-tlieta u nofs ta' filghodu".

Sentenza ohra li jikkonfermaw dan it-taghlim tal-Qrati dwar meta l-hin tal-allegat reat li jirrizulta mill-provi ma jkunx jikkombacja mal-hin indikat fic-citazzjoni huma:

- ***Il-Pulizija vs John Mary Briffa***, deciza mill-Qorti tal-Appell, nhar it-18 ta' Ottubru 2005
- ***Il-Pulizija vs Warren Piscopo*** u ***il-Pulizija vs Rita Theuma***, it-tnejn li huma decizi mill-Qorti tal-Appell nhar id-19 ta' Ottubru 2011.

[1] Sottolinear tal-esponenti

L-esponenti jtenni illi fil-kaz in kwistjoni d-data indikata fic-citazzjoni hija dik tal-*"24 ta' Jannar 2010 u fil-jiem ta' qabel"*. Fid-dawl tal-gurisprudenza supra citata, tali hin huwa indikattiv ghal xi haga li allegatament sehhet jew fil-gurnata tal-24 ta' Jannar 2010 jew inkella, l-aghar ipotesi, f'xi gurnata ohra matul ix-xahar ta' Jannar 2010.

Madanakollu, jigi umilment sottomess illi anke jekk ghall-grazzja tal-argument u ghall-grazzja tal-argument biss, wiehed kellu jaccetta li l-esponenti ikkommetta r-reat ta' ricettazzjoni, madanakollu, b'kull dovut rispett, xorta wahda ma jirrizultax mill-provi li r-ricettazzjoni sehhet nhar l-24 ta' Jannar 2010 u l-jiem ta' qabel.

Ghalfejn qed jigi sottomess il-premess?

Mill-atti jirrizultaw is-segwenti fatti:

- Fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Frar 2009, Editon Sciberras kien vittma ta' serqa fejn insteraqlu inter alia trakk Isuzu ELF, b'xi tinda fuqu;
- Fl-24 ta' Jannar 2010, Editon Sciberras ra trakk simili ghal Isuzu ELF tieghu li kellu wkoll kabina, u mar jirrapporta lill-pulizija.

Ghalhekk, jinghad bir-rispett, illi a bazi ta' dawn il-fatti, jekk wiehed kellu ghall-grazzja tal-argument biss, jaccetta li t-tinda li ra Editon Sciberras fl-24 ta' Jannar 2010 hija l-istess tinda li insterqitlu fi Frar tal-2009[2], wiehed jista' jippresumi biss li l-allegata ricetazzjoni sehhet f'xi zmien bejn id-9/10 ta' Frar 2009 u l-24 ta' Jannar 2010, ossia f'perjodu ta' sena.

Nonostante ciò, filwaqt illi ma ngabitx il-prova mill-prosekuzzjoni ta' meta effettivament sehhet l-allegata ricettazzjoni, (u s-suspett, bir-rispett, ma jaghmel prova ghal hadd!), ic-citazzjoni giet ristretta ghall-gurnata tal-24 ta' Jannar 2010 u l-jiem ta' qabel.

[2] U jekk wiehed kellu ukoll jaccetta li gie pruvat l-element formali tar-reat

Li hu car però, u dan zgur almenu sal-grad tal-probbabli (il-grad li d-difiza trid tilhaq sabiex tipprova l-kaz taghha), li Raymond Xerri, akkwista din it-tinda fil-bidu ta' Novembru 2009.

Din id-data iddikjaraha hu stess *a tempo vergine* meta irrilaxxa stqarrija fil-25 ta' Jannar 2010[3], u meta xehed quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, kif ukoll kkonfermaha l-ispettur Anthony Portelli a fol 26 tal-process.

Apparti minn hekk, din id-data hija ulterjorment korroborata b'dokument (ricevuta) esebit mill-esponenti stess meta xehed fl-inkjesta quddiem il-perit tekniku Joseph Zammit nhar is-27 ta' Marzu 2010. Dan id-dokument huwa esebit a fol 90 tal-atti tal-inkjesta (DOK JZ 5) u juri l-ispiza li kellu jaghmel l-esponenti wara li akkwista l-kabina, u dan sabiex itawwal ic-chassis minn nofsu minhabba li l-kabina kienet iktar twila mill-kaxxa tal-Isuzu ELF tieghu. Dan id-dokument huwa datat 10/12/2009, u ghalhekk ikompli jsahhah l-verzjoni tal-esponenti li huwa akkwista l-kabina fil-bidu ta' Novembru 2009.

Apparti minn hekk, tenut kont ic-cirkostanzi kollha li fihom inghatat tali informazzjoni dwar id-data tat-transazzjoni minn Raymond Xerri, zgur hadd ma ghandu jghaddilu xi suspett minn mohhu li Raymond Xerri seta' jigdeb dwar id-data tat-transazzjoni – dan ghaliex ma kien hemm l-ebda raguni il-ghaliex kellu jigbed dwar id-data!! Fl-istadju li l-esponenti kien qed jaghti l-ispjegazzjonijiet tieghu lill-ispettur u lill-perit tekniku dwar l-akkwist tal-kabina, id-data tal-akkwist kienet irrilevanti.

Fid-dawl tal-premess, l-esponenti umilment jissottometti illi l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu, fejn qed jigi akkuzat li fl-24 ta' Jannar 2010 u fil-jiem ta' qabel, bl-akkwist tieghu huwa kkommetta ricetazzjoni, qatt ma tista' tirrizulta.

---

[3] Fol 28-29 tal-process

Il-kliem *"fl-24 ta' Jannar 2010 u fil-jiem ta' wara"*, jindikaw biss granet approssimattivi u vicin l-24 ta' Jannar 2010, izda, fl-umili fehma tal-esponenti, il-kliem uzat zgur qatt ma jistghu jindikaw data fil-bidu ta' Novembru 2009, li allura jmur lura kwazi 3 xhur qabel id-data imnizzla fic-citazzjoni. Ovvjament, kien ikun differenti li kieku c-citazzjoni kienet taqra fl-24 ta' Jannar 2010 u x-xhur ta' qabel – izda c-citazzjoni de quo titkellem biss fuq granet mhux xhur!

Ghall-esponenti, s-sottomissjonijiet supra huma, fl-umili fehma tieghu, cari u ghandhom awtomatikament iwasslu sabiex huwa jigi liberat, madanakollu, ai fini ta' kompletezza biss, l-esponenti sejjer jghaddi biex jitratta wkoll x'tghid id-duttrina dwar meta jigi kkunsmat ir-reat ta' ricetazzjoni, kif ukoll dwar in-natura tar-reat, ossia li huwa reat instantanju.

**Konsumazzjoni tar-reat ta' ricettazzjoni u l-instantanjetà tieghu**

Il-Manzini dwar il-konsummazzjoni tar-reat ta' ricetazzjoni jghid:

> *"Nell'ipotesi dell'acquisto, ricezione od occultamento il-delitto si consuma nel momento e nel luogo in cui l'agente ha conseguito il possesso del denaro o delle altre cose, ancorchè non ne abbia la detenzione materiale…."*[4]

Gurisprudenza Taljana aktar ricenti ukoll tibqa' tikkonferma l-istess insenjamenti tal-guristi su riferiti u infatti insibu s-segwenti insenjamenti u cioè li:

> *"Il delitto di ricettazzione si consuma.....al momento dell'accordo fra cedente ed acquirente"*[5]

> *"Il delitto di ricettazione ha carattere instanteneo e si consuma nel momento in cui l'agente ottiene il possesso della cosa"*[6]

---

[4]Vincenzo Manzini, Trattato di Diritto Penale Italiano, Torino, 1986, Vol 9, p 1032
[5] Cass. Pen. 15/04/2009 n. 17821 kwotata f'Garofoli Roberto, *Codice Penale e delle Leggi Penali Speciali Annotato con la Giurisprudenza* (Ed 6, Nel Diritto ed 2013)

Rigward il-fatt li r-ricetazzjoni bhala reat huwa reat instantanju u mhux permanenti, l-Manzini[7] jghid li:

> *"Il delitto è, in ogni caso formale, perchè l'azione del colpevole basta per sè sola a consumare il reato, senza che sia necessario il conseguimento del fine specifici del reo o il verificarsi di un danno.*
> *In ogni ipotesi il delitto di ricettazione ha carattere di reato instantaneo, e non permanente, ancorchè il fatto possa avere effetti permanenti...."*[8]

Ghaldaqstant, fid-dawl anke ta' l-insenjamenti supra citati, l-esponenti, jkompli bl-umiltà kollha, jsostni illi minhabba l-fatt illi l-allegata ricettazzjoni giet konsumata fid-data tal-akkwist, i.e. fil-bidu ta' Novembru 2009[9], u tenut kont il-fatt illi tali reat huwa wiehed instantanju, l-imputazzjoni kif dedotta fic-citazzjoni fejn tissemma specifikament l-24 ta' Jannar 2010 u l-jiem ta' qabel, ma setghet, bir-rispett, qatt tirrizulta.

**2) IL-PROVENJENZA TAL-OGGETT RICETTAT**

Fil-kawza fl-ismijiet, ***il-Pulizija vs Giovanni sive John Grima***, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Ottubru 2002 (per S.T.O. Prim Imhallef Emeritus V De Gaetano) dwar il-provenjenza tal-oggett ricettat intqal hekk:

> *"L-element materjali tar-reat ta' ricettazzjoni jikkonsisti mhux biss fiilli l-agent ikun laqa' ghandu, xtara jew indahal biex ibiegh jew imexxi xi oggett (hu x'inhu l-oggett), izda wkoll filli dak l-ogett kien effettivament misruq, miksub b'qerq jew akkwistat b'xi wiehed mir-reati dwar hwejjeg akkwistati jew mizmuma kontra l-ligi...."*

---

[6] Cass. Pen. 16/05/2008 n. 46899 kwotata f'Garofoli Roberto, *Codice Penale e delle Leggi Penali Speciali Annotato con la Giurisprudenza* (Ed 6, Nel Diritto ed 2013)
[7] Vincenzo Manzini, Trattato di Diritto Penale Italiano, Torino, 1986, Vol 9, p 1033
[8] Ara wkoll: Cass. pen., sez. II, 6.10.2010, n. 38329; Cass. pen., sez. II, 8.4.2008, n. 19644; Cass. pen., sez. II, 17.5.2007, n. 23395, in *Guida al dir*., 2007, 31, 67 – Il reato ha natura istantanea e si consuma nel luogo e nel momento in cui viene posta in essere la condotta, indipendentemente dal conseguimento del profitto.
[9] U dan fid-dawl tal-fatt illi l-prosekuzzjoni ma rnexxielhiex tipprova d-data tal-akkwist, izda l-imputat, bix-xhieda tieghu u bid-dokumentazzjoni provduta wera li l-akkwist sar fil-bidu ta' Novembru 2009.

L-istess Qorti tikkwota l-gurista Francesco Antolisei li jghid:

> *"Poiche` oggetto materiale della ricettazione devono essere denaro o, in genere, cose di provenineza criminosa, il reato presuppone l'esistenza di un altro reato: presuppone, cioe`, che un altro reato sia stato commesso in precedenza…Naturalmente il delitto anteriore deve essere effetivamente avvenuto: se fosse inesistente o simulato (si pensi al venditore della cosa che, per giustificare il basso prezzo, affermi falsamente che essa proviene da un furto), saremmo in presenza di una ricettazione putativa e, quindi, non punibile. Per iniziare il procedimento per ricettazione, non si richiede che il delitto anteriore sia stato accertato giudizialmente con sentenza passata in giudicato…[ma] la condanna per ricettazione non puo` aver luogo, se prima non e` stato roconosciuto esistente, nei suoi elementi essenziali, il delitto presupposto, anche se di questo non sia stato accertato l'autore. Ove si tratti di delitto perseguibile a querela di parte…a nulla rileva la mancata presentazione della querela, perche` questa e` una semplice condizione di procedibilita`. Del pari, la ricettazione puo` sussistere anche se l'autore del delitto precedente non sia punibile per difetto di imputabilita` o per un'altra causa soggettiva di esclusione della pena…Infine, la ricettazione non viene meno neppure quando il delitto, che ne e` il presupposto, sia estinto."*[10]

Fid-dawl tal-premess, l-esponenti umilment jissottometti, bir-rispett, illi fil-kaz mertu ta' dan l-umili appell, ma giex ippruvat li l-kabina in kwistjoni, li instabet ghand Raymond Xerri, kienet effettivament misruqa.

Ai fini ta' kjarezza ta' hsieb, l-esponenti ma hux qed jikkontesta l-fatt li Editon Sciberras spicca vittma ta' serqa fid-9/10 ta' Frar 2009, u ma hux qed jikkontesta l-fatt illi fl-istess serqa insteraqlu t-trakk Isuzu ELF tieghu li fuqu kellu tinda.

---

[10] Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I, Giuffre` (Milano), 1986, pp. 358, 359.

Li qed jikkontesta bir-rispett l-esponenti, huwa l-fatt illi ma ngabitx prova sal-livell ta' minghajr dubju dettat mir-raguni illi t-tinda li instabet ghand Raymond Xerri hija effettivament l-istess tinda li insterqet minghande Editon Sciberras – u konsegwentament, fin-nuqqas ta' tali prova, awtomatikament huwa nieqes ukoll l-element materjali li l-oggett akkwistat kien effettivament misruq. Dan l-element materjali huwa *sine qua non* ghar-reat ta' ricetazzjoni, u fin-nuqqas, bir-rispett, qatt ma setghet tinstab htija.

Infatti, l-esponenti, b'kull dovut rispett, ma jaqbilx ma dak dikjarat mill-Ewwel Onorabbli Qorti f'pagna 25 tas-sentenza fejn tghid:

> *"Il-Qorti mhux ser telabora fuq l-ewwel zewg elementi ghaliex dawn jitrattaw fuq kwistjoni ta' fatt u ghalhekk f'kaz li jirrizulta b'mod fattwali mhux ser ikun hemm kontestazzjoni. L-unika diskrepanza li jista' jkun hemm bejn dak li tallega l-prosekuzzjoni u d-difiza hi dwar l-interpretazzjoni tal-kelma xjenza".*

U b'mod partikolari, l-esponenti, umilment jissottometti illi lanqas ma jista' jikkondivi dak dikjarat mill-Ewwel Onorabbli Qorti f'pagna 30 tas-sentenza fejn gie dikjarat li:

> *"[Editon Sciberras] spjega fid-dettal il-partikolaritajiet li kellha din il-kaxxa liema deskrizzjoni ma thalli l-ebda dubju f'mohh il-Gudikant li effettivament din il-kaxxa kienet tieghu.*
>
> *.....*
>
> *Illi ghalhekk dwar l-identifikazzjoni tal-kaxxa l-Prosekuzzjoni pprovat il-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni....."*

Ghaliex l-esponenti qed jghid li ma ngabitx il-prova sal-livell ta' minghajr dubju dettat mir-raguni li t-tinda li instabet ghand Raymond Xerri hija l-istess tinda li insterqet minghand Editon Sciberas?

<u>A) Ix-xhieda ta' Editon Sciberras biss ma twassalx sal grad tal-prova rikjest mill-ligi</u>

L-unika testimonjanza li tghid li t-tinda li nstabet ghand Raymond Xerri hija l-istess tinda li insterqet minghand Editon Sciberras hija dik ta' Editon Sciberras stess. U hija din it-testimonjanza biss, mhux korroborata minn ritratti, ircevuti, dokumentazzjoni jew xhieda ohra, li torbot it-tinda misjuba ghand Raymond Xerri ma' dik li allegatament kellu Editon Sciberras.

Rigward ix-xiehda ta' Editon Sciberras, l-esponenti umilment jissottometti illi kif grat l-allegata identifikazzjoni tal-kaxxa in kwistjoni ma hijiex wahda li tista' twassal ghal verdett li jkun *safe and satisfactory*. Huwa minnu li Sciberras jsemmi diversi dettalji bhal purtieri tal-kanvas ta' kulur griz, xi raff bl-ixkaffi u xi habel. Madanakollu, jekk wiehed jaqra attentament l-atti tal-inkjesta esbiti in atti, wiehed jinduna li c-cirkostanzi u s-sekwenza ta' kif graw l-affarijiet taw cans lil Sicberras sabiex kull dettal li ra fil-kaxxa indikah bhala dettal partikolari tal-kaxxa tieghu. Ezempju car tal-premess jinsab a fol 67 tal-inkjesta fejn Editon Sciberras jixhed testwalment:

> *"Mill-Ghassa baghtuni biex inkompli nikkonferma*[11] *u indunajt b'aktar affarijiet.....mat-tinda indunajt.....Indunajt ukoll...."*

Dan l-ezercizzju tal-"*konferma*", fl-umili fehma tal-esponenti sar bil-maqlub. Il-pulizija kienet fid-dover li l-ewwel tiehu kemm jista' jkun dettalji minghand Editon Sciberras dwar din il-kaxxa, imbaghad tmur fuq il-post biex tqabbel u tikkompara dawn id-dettalji li kien semma' Sciberras mal-kaxxa, u mhux vice versa! Kif grat is-

[11] Ergo sa dak l-istadju li Sciberras ghamel ir-rapport kien ghad hemm biss suspett li l-kaxxa setghet kienet tieghu.

sekwenza kien facli ghall-Editon Sciberras li kull dettal li ra fil-kaxxa ghamlu tieghu u meta allura sussegwentament ta' x-xiehda tieghu, kien facilissimu ghalih li jaghti d-dettalji.

Fid-dawl tal-premess, isegwi ghalhekk, illi fil-konfront imsemmi a fol 68 tal-inkjesta kien facli ghall-Editon Sciberras li jinsisti fuq id-dettalji:

> *"L-ispettur ikkonfrontana flimkien u jiena ghidtlu li l-kaxxa li tinsab fuq it-trakk hija li kienet armata fuq it-trakk tieghi li kont sibt nieqes u tajtu l-istess indikazzjonijiet li tajt issa aktar 'il quddiem"*[12]

Dan l-ezercizzju, huwa l-istess ezercizzju li kieku jigri f'identifikazzjonijiet ohra anke ta' persuni. Tkun identifikazzjoni manifestament ingusta u *unsafe*, jekk biex vittma tidentifika l-aggressur, tinghata ritratt wiehed biss sabiex tikkonferma o meno l-identità tieghu. Dan ghaliex ikun facli li tigi indotta fi zball, u tibda' tikkwota certu fattizzi fir-ritratt muri lilha bhala li jappartjenu ghall-aggressur. L-identifikazzjoni korretta tkun jekk l-ewwel il-vittma taghti kemm jista' jkun dettalji dwar il-fattizzi tal-aggressur, imbaghad tigi mistiedna taghzel ir-ritratt tal-aggressur minn numru ta' ritratti ohra.

Dawn is-sottomissjonijiet, fid-dawl tal-fatt ukoll illi tali identifikazzjoni ma gietx konfortata minn ritratti jew dokumentazzjoni ohra, kif jghidu bit-Taljan, *lascia molto a desiderare.* Jigi sottomess ukoll illi l-istess Editon Sciberras meta irrefera ghal xi hadid partikolari, u gie mistoqsi ghall-ircevuti relattivi irrisponda li kien tahom lill-kumpanija assikurattrici ghaliex kellu xi incident bit-trakk, u konsegwentament, lanqas din il-prova ma ngabet quddiem il-Qorti. Dan fl-umili fehma tad-difiza huwa nuqqas iehor serju li ghandu jimmilita favur il-liberazzjoni tal-imputat. L-esponenti jtenni, bir-rispett, illi ma kinitx xi intrapriza impossibli li jintalbu kopja ta' dawn l-ircevuti lill-kumpanija assikuratrici, biex b'hekk tigi osservata l-*best evidence rule.* Apparti minn hekk, u aktar important minn hekk, la kien hemm incident u l-

[12] L-istess indikazzjonijiet li kellu kull cans jara u jimmemorizza meta rega' mar fuq il-post "jikkonferma".

kumpanija assikuratrici kienet involuta, l-istess kumpanija kienet ser taghmel *survey report*, liema rapport ikun akkumpanjat dejjem b'ritratti tal-vettura in kwistjoni. Dawn ir-ritratti tal-Isuzu ELF u t-tinda kienu jaghtu stampa ta' kif kienu it-trakk u b'mod specjali t-tinda, ta' Editon Sciberras, u konsegwentament jeliminaw id-dubbju dwar l-identifikazzjoni tal-kaxxa. Nonostante ciò, l-prosekuzzjoni (li ghandha l-oneru tal-prova kollu fuhqa) tali prova ma ressqithiex quddiem il-Qorti.

Fl-ahhar lok, jinghad bir-rispett, illi l-istess Editon Sciberras ma kienx korrett lanqas meta kwota l-prezz ta' tali kaxxa *multo magis* fl-identifikazzjoni tal-kaxxa!

L-esponenti, in sostenn ta' din l-affirmazzjoni jigbed l-attenzjoni ghall-fatt illi filwaqt li Editon Sciberras jghid li l-kaxxa kienet tiswa madwar elfejn Ewro[13], madanakollu, huwa merut mill-manifattur tal-istess kaxxa, Saviour Bonello, li jghid car u tond li l-kaxxa kienet tiswa' xi erba' mitt Lira Maltin.[14] B'lealtà lejn ill-Qorti, huwa minnu li l-prezz tat-tnejn huwa approssimattiv, madanakollu, jinghad bir-rispett, illi hemm disprekanza ta' izjed minn Elf Ewro fl-approssimazzjoni! I.e. Sciberras irdoppja l-press.

B) Ix-Xhieda ta' Saviour Bonello tkompli turi li l-kaxxa hija wahda standard

Huwa minnu li xehed ukoll Saviour Bonello, però Saviour Bonello fix-xiehda tieghu nhar l-24 ta' Gunju 2014, filwaqt illi kkonferma li l-kaxxa/tinda gharafha bhala xogholu, madanakollu ma setax jghid ta' min kienet din il-kaxxa, u dan ghaliex il-kaxxi li jaghmel hu jkunu standard.

Dan se mai ikompli jikkorrobora l-fatt illi huwa difficli ferm biex kaxxa tigi identifika minn ohra.

[13] Pagna 31 tal-process
[14] Fol 147

C) Il-fatti kif konfermati mill-espert tekniku Joseph Zammit juru li l-kaxxa ta' Editon Sciberras kellha qiesin differenti minn dik li instabet ghand Raymond Xerri

Mhux kontestat li Editon Sciberras kellu Isuzu ELF. Mhux kontestat lanqas illi l-kabina instabet fuq Isuzu ELF li kien jappartjeni lil Raymond Xerri. Il-fatt li l-vetturi in kwistjoni huma tal-istess marka gie konfermat ukoll waqt access li sar, fejn l-istess Editon Sciberras jikkonferma li l-marka tal-vetturi hija l-istess.[15]

Apparti minn hekk Editon Sciberras jghid li dik il-kaxxa huwa orndaha minghand haddied u ma jghidx li kien hemm xi zball fil-qisien, fis-sens li kienet xi ftit itwal mill-kabina. Konsegwentament il-kaxxa kienet *made-to-measure* ghall-Isuzu ELF.

Raymond Xerri però, filwaqt illi jghid li meta akkwista l-kaxxa huwa ma messilha xejn (fatt anke konfermat mill-espert tekniku Joseph Zammit), izda jghid li minhabba li kienet ikbar mill-kabina tat-trakk huwa kellu jtawwal ic-chassis tal-trakk tieghu Isuzu ELF.

Dan il-fatt, apparti li huwa korroborat mill-ircevuta li hemm esbita a fol 90 tal-inkjesta, huwa wkoll korroborat mill-espert tekniku stess a fol 50, 51, 63 u 64 tal-atti tal-inkjesta.

Ghaldaqstant, fl-umili fehma tal-esponenti, dawn il-fatti juru bic-car li l-kaxxa li insterqet minghand Editon Sciberras **ma hijiex l-istess kaxxa** li instabet ghand Raymond Xerri.

Li kieku kienet l-istess kaxxa, tenut kont tal-fatt illi l-vettura li fuqha tpoggiet din il-kaxxa kienu l-istess, allura jsegwi awtomatikament li l-kaxxa kellha tiffitja fuq it-trakk ta' Raymond Xerri bl-ezatt, minghajr ebda bzonn li titwal ic-chassis!

[15] Fol 61 tal-inkjesta

Dan in-nuqqas ta' *mechanical fit*, allura juri li ma hemmx prova li l-kaxxa akkwistata minn Raymond Xerri hija l-istess kaxxa li insterqet minghand Sciberras sena qabel, u konsegwentament, l-element materjali tar-reat ta' ricetazzjoni, li l-oggett akkwistat irid ikun effettivament misruq huwa nieqes.

**<u>3) L-ELEMENT FORMALI – IX-XJENZA</u>**

L-esponenti, anke fid-dawl tal-fatt illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kwotat fid-dettal il-gurisprudenza rigward ix-xjenza rikjesta biex jirrizulta r-reat ta' ricetazzjoni, ma huwiex ser jidhol fid-dettal fuq il-gurisprudenza. Madanakollu, l-esponenti bl-umiltà kollha jhoss illi d-dottrina kwotata mill-istess Onorabbli Qorti giet, applikata, bir-rispett, erronjament ghall-fatti.

L-Ewwel Onorabbli Qorti waslet biex ikkonkludiet li l-imputat kellu x-xjenza rikjesta mill-ligi minhabba li: xtara kaxxa ta' vann minn fuq l-idejn minghand persuna li ma jafx min hi; ma nghatatx ricevuta tal-akkwist; hallas Euro 500 ghal kaxxa meta ma kienx jaf kemm hu l-valur ta' kaxxa simili; u dwar fejn raha din il-kaxxa, huwa jghid biss li kienet fuq Dodge blu. Dawn il-fatturi, ghall-Onorabbli Qorti huma *"indizji univoci u cari tal-fatt li l-akkwist in kwistjoni ma kienx wiehed regolari izda jitfa' dubju serju fuq il-provenjenza tal-istess."*

L-esponenti però, b'kull dovut rispett, ma jabqilx li c-cirkostanzi li jiccirkondaw l-akkwist huma irregolari. It-transazzjoni mertu tal-kaz in kwistjoni, kienet bir-rispett, transazzjoni, li ssir ta' kuljum bejn nies li jinzertaw xi oggett li jghodd ghalihom u jiddeciedu li jiehdu l-okkazzjoni. L-esponenti, bir-rispett jistaqsi:

a) Hija irregolari li mekkanik tal-vetturi, imur go skrap yard tal-hadid u jara jinzertax xi parts li jista' jkollu bzonn biex imbaghad jixtrihom?

b) Il-mekkanik li jixtri dawn il-parts irid joqghod jinvestiga l-provenjenza tal-parts?

c) Hija irregolari li xi hadd jixtri *part second-hand* (sia ta' vettura, jew *appliance*) minghand individwu mhux stabbilit bhala negozjant, ghaliex ma jridx jonfoq hafna flus biex jixtri part gdida u originali?

d) Hija irregolari li *technician* li jmur jsewwi xi fridge, xhin ma tkunx tista' tissewwa u jkollha tigi mibdula ma' wahda gdida, il-klijent jitlob lit-*tehnician* biex jehodlu l-*fridge* qadima halli jehilsu mill-iskart u l-istess *technician* ibiegha lil terza persuna ghall-parts?

e) U x-xerrej ghandu awtomatikament jissuspetta li l-oggett gej minn provenjenza illecità fl-ezempji kollha su riferiti?

f) Ix-xerrej ghandu jigi meqjus kolpevoli ta' ricetazzjoni talli in vista tal-fatt li t-transazzjoni kienet *cash settlement*, minhabba li forsi ma huwiex bniedem ta' hafna skola, jew li dak il-hin ma giex go mohhu, ma talbux xi bicca ricevuta?

g) Hija haga ta' barra minn din id-dinja li bniedem li jixtieq jixtri vettura *second-hand*, jekk jinzerta xi vettura fit-triq b'xi sign li hija ghall-bejgh, icempel dak in-numru u jekk joghgbu dak il-prezz jaqbad u jixtriha?

h) U jekk minflok ix-xerrej jixtri l-vettura ghall-parts biss ha jkun hati awtomatikament ta' ricettazzjoni jekk jirrizulta li tali vettura kienet misruqa?

i) Jigi meqjus li ghandu x-xjenza kriminuza tali xerrej, ghaliex ma xtrax il-vettura minghand *second-hand car dealer*?

L-esponenti umilment jtenni, bir-rispett, li dawn l-ezempji kollha qatt ma jistghu jwasslu awtomatikament ghax-xjenza rikjesta mill-ligi biex tigi pruvata r-ricetazzjoni, sakemm ma jkunx hemm cirkostanzi ohra li jimmiltaw favur il-htija.

Fil-kaz in ezami, però, mhux talli ma hemmx cirkostanzi li jimmilitaw favur l-htija, talli l-esponenti jtenni illi quddiem il-Qorti irrizultaw fatturi li jkomplu juru kif fil-verità l-esponenti qatt ma kellu suspett dwar il-provenjenza tal-kaxxa.

Huwa fatt mhux kontestat li Editon Sciberras ra l-Isuzu ELF bil-kaxxa fuqu hdejn ir-roundabout ta' Haz-Zebbug, u kien car ukoll li tali trakk kien ghal bejgh. Apparti minn hekk, ma huwiex kontestat ukoll illi Raymond Xerri ma biddel xejn minn din il-kaxxa, anzi halliha *tale quale*[16] bl-ixkafef, bil-purtieri u bil-hbula etc etc.

U allura, d-domandi awtomatici li jsewgu huma:

- Jekk jien naf jew nissuspetta li din il-kaxxa misruqa ha noqghod inperricha mar-roundabout ta' Haz-Zebbug[17] halli jkun hemm cans kbir li jaraha sidha originali?
- U jekk naf jew nissuspetta li din il-kaxxa misruqa ha nhalliha *tale quale* kif xtrajtha, minflok ma nipprova inbiddliha kemm jista' jkun sabiex ma tibqax tingharaf?
- Ha nhalliha bl-ixkafef kollha fuq barra jidhru u bil-hbula u l-purtieri? Jew inkella dawk inwarrabhom halli tintilef is-somiljanza?
- U jekk naf jew nissuspetta li l-kaxxa hija misruqa ha nwahhalha mat-trakk tieghi, fejn tramite n-numru tar-registrazzjoni dak li jkun jista' facilment jasal ghalija u nehel it-tort kollu jien?

Ghalhekk, l-esponenti jikkonkludi li fid-dawl ta' l-osservazzjonijiet supra, l-Ewwel Onorabbli Qorti, bir-rispett, ma setghet qatt ragjonevolment u legittimament tasal ghall-konkluzzjoni li l-element formali tar-reat ta' ricettazzjoni gie pruvat.

Fl-ahhar lok, apparti l-premessi osservazzjonijiet, l-esponenti jaghmel referenza wkol ghall-istqarrija li huwa rrilaxxa *a termpo vergine* fil-25 ta' Janar 2010, kif ukoll ghax-

[16] Infatti ghax kienet itwal mill-kabina tat-trakk tawwal ic-chassis tat-trakk u mhux qassar il-kaxxa.
[17] Post li huwa meqjus bhala wiehed mill-aktar postijiet traffikuzi ta' Malta matul il-gurnata kollha.

xhieda tieghu sia quddiem il-perit tekniku kif ukoll quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti. L-esponenti, ta spjegazzjoni ragjonevoli ta' kif spiccat ghandu l-kaxxa, u sa mill-ewwel gurnata li gie imsejjah mill-pulizija ddikjarara li huwa kien ra din il-kaxxa fuq Dodge blu, li kien mimli hadid u imbarazz li kien diehel ghand Hompesh Steel biex jitbattal. L-esponenti haseb li seta' juza dik il-kaxxa ghal fuq l-Isuzu ELF tieghu u ghalhekk ghamel it-transazzjoni max-xufier tad-Dogde. A *tempo vergine* kien iddikjara ukoll illi kien lesti li jmur ghand il-Hompesh Steel sabiex igib in-numru ta' dan id-Dodge. Matul il-kumpilazzjoni jidher ukoll illi kien hemm tentattivi sabiex tingabar din l-informazzjoni però tali sforzi ma wasslux ghal dan il-van blu.

Dan kollu ghandu jimmilita favur l-kredibilità tal-esponenti. Huwa minnu li l-esponenti ma rnexxilux igib il-quddiem il-prova dwar min kien sid dan id-Dodge blu li bieghlu l-kaxxa, madanakollu, b'kull dovut rispett, dan il-fatt ma ghandux jippenalizza l-innocenza tal-imputat. Jigi ritenut illi huwa principju kardinali fid-dritt penali li hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha, u hija trid taghmel dan sal-livell ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. F'kaz ta' dubju tali dubju ghandu jmur favur l-imputat, u jmur favur tieghu bi dritt, u mhux bi pjacir. Id-difiza mill-banda l-ohra ma hija tenuta tipprova xejn, u jekk trid tipprova xi haga, l-livell li trid tilhaq huwa biss tal-probbabli. L-esponenti umilment jissottometti illi bit-tlett testimonanzji tieghu, kif korroborati anke mill-ircevuta li huwa pprezenta u cirkostanzi ohra, huwa lahaq il-livell tal-probabbli. Mill-banda l-ohra, tenut kont ic-cirkostanzi ta' kif u fejn instabet il-kaxxa, kif ukoll tas-sottomissjonijiet kollha supra, t-tezi tal-prosekuzzjoni, bir-rispett thalli lok ghal dubju ragjonevoli dwar il-htija o meno tal-imputat, liema dubju ghandu jmur favur l-imputat u jwassal ghall-liberazzjoni tieghu.

**4) PIENA**

Ghal kull buon fini, l-esponenti jibda' billi jiddikjara illi dan l-ahhar aggravju qieghed jingieb il-quddiem strettament minghajr pregudizzju ghall-aggravji supra

dwar il-mertu, u qed iressqu biss sabiex, f'kaz li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-htija, sabiex tigi varjata l-piena moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

a) Artikolu 17 tal-Kodici Kriminali

Fin-nota tar-rinviju tal-gudizzju tal-Avukat Generali apparti artikoli ohra tal-Kodici Kriminali, jissemma wkoll l-artikolu 17 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Ewwel Onorabbli Qorti, mbaghad mas-sejbien ta' htija fid-decide, apparti l-artikolu tar-ricetazzjoni, ikkwotat ukoll l-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali. Fl-umili fehma tal-esponenti, però, dan l-artikolu ma kellux jigi res applikabbli ghall-kaz in kwistjoni.

Dan l-artikolu jitratta l-konkorsi ta' reati u ta' pieni, u jigi applikat meta fl-istess kawza ikun hemm htija ta' zewgt delitti jew izjed. Jekk il-prosekuzzjoni ma tkunx ressqet aktar minn imputazzjoni ta' reat wiehed fl-istess kawza, l-artikolu 17 ma jistax jittiehed in konsiderazzjoni. F'kull kaz meta jkun applikabbli dan l-artikolu, il-konsegwenza ta' tali applikazzjoni tkun li tizdied il-piena mad-delitt l-izjed gravi.

Fil-kaz in kwistjoni però, huwa car mic-citazzjoni li l-esponenti kien rinfaccat b'imputazzjoni ta' delitt wiehed, ossia r-ricetazzjoni, ghaldaqstant, fl-umili fehma tal-esponenti ma kellu qatt jigi applikat l-artikolu 17. Huwa minnu li l-esponenti kien ukoll qed jigi akkuzat li huwa recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50, madanakollu, huma propju l-artikolu 49 u 50 biss li ghandhom x'jaqsmu mar-recidiva u mhux l-artikolu 17.

Ghaldaqstant, fl-umili fehma tal-esponenti, in vista tal-fatt illi mad-decide gie mehud, bir-rispett, erronjament, in konsiderazzjoni l-artikolu 17 u allura konsegwentament awmentata il-piena ingustament, meta l-istess artikolu qatt ma seta' jkun applikabbli ghal kaz in kwistjoni, dan ghandu awtomatikament iwassal ghar-riduzzjoni fil-piena.

b) Piena Aktar Miti

L-Ewwel Onorabbli Qorti irriteniet gusta li timponi piena karcerarja effettiva ta' sena ghaliex qalet li l-esponenti *"digà inghata diversi cansijiet sabiex jipprova jemenda d-drawwiet kriminuzi però ciò nonostante baqa' ghaddej fuq din it-triq ta' kriminalità"*, u li ghandu 15-il kundanna.

Fl-ewwel lok, jinghad bir-rispett, illi nonostante li fil-fedina penali hemm hmistax-il kundanna, in atti gew esebiti biss seba' sentenzi u mhux hmistax. Ghalhekk, ghall-ahjar kjarezza ta' hsieb, l-esponenti sejjer l-ewwel jitratta –sentenzi li gew esebiti fil-proceduri odjerni sabiex imbaghad jghaddi biex jitratta l-fedina penali in generali.

- Sentenzi esebiti in atti

Fir-rigward tas-sentenzi li gew esebeti in atti, jinghad bir-rispett, illi minn dawn it-seba' (7) sentenzi hamsa (5) minnhom ma jistghux jittiehdu in konsiderazzjoni ai fini ta' recidiva ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali. Dawn huma:

i) Sentenza wahda deciza fil-11/12/1996[18] fejn il-piena hija ta' *conditional discharge*
ii) Sentenza deciza fis-27/01/1998[19] fejn il-piena hija ta' Lm20 multa
*iii)* Sentenza deciza fit-08/11/1999 fejn il-piena hija ta' *conditional discharge*
iv) Sentenza deciza 01/02/2010[20] fejn il-piena kienet ta' €100 multa apparti skwalifika tal-licenzja tas-sewqan
v) Sentenza deciza fis-16/03/2010[21] fejn il-piena kienet ta' €20 ammenda

Din is-sottomissjoni qed issir ghaliex, fl-ewwel lok, ghar-rigward tas-sentenzi fejn l-esponenti gie moghti *conditional discharge*, dawn jammontawx ghall-prova tar-recidiva. L-esponenti jaghmel umili referenza ghall-artikolu 25 tal-Att dwar il-Probation u ghas-sentenza fl-ismijiet ***il-Pulizija vs Christopher Agius,*** deciza mill-

[18] Fol 97 tal-process
[19] Fol 98? tal-process
[20] Fol 92 tal-process
[21] Fol 101 tal-process

Qorti tal-Appell nhar is-17 ta' Settembru 2004, fejn gie ritenut li ordni taht l-Att dwar il-Probation qatt ma tista' titqies bhala dikjarazzjoni ta' htija ai fini ta' recidiva.

Dwar is-sentenza fejn il-piena hija dik ta' ammenda, ovvjament l-esponenti ma hux ser jiddilunga aktar fit-tul minhabba li l-istess artikolu 50 tal-Kodici Kriminali jitkellem dwar delitti u mhux kontravvenzjonijiet.[22]

Fit-tielet lok, iz-zewgt sentenzi datati 27/01/1998 u 01/02/2010 lanqas, bir-rispett, ma jistghu jwasslu ghall-prova tar-recidiva ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali u dan, fl-ewwel kaz minhabba li hemm trapass taz-zmien ta' aktar minn 5 snin[23], u fit-tieni kaz, ghaliex il-kundanna inghatat fi Frar 2010, meta l-imputazzjoni mertu ta' dan l-umili appell hija datata 24 ta' Jannar 2010 u l-jiem ta' qabel[24].

Il-premess, bir-rispett, ifisser li s-sentenzi li jridu jigu analizzati huma biss 2, u cioè:

i) Sentenza datata 29 ta' Novembru 2007[25] fejn inghatat piena ta' sentenza sospiza ta' habs u multa ta' Lm 500; u
ii) Sentenza datata 2 ta' April 2009[26], fejn inghatat multa ta' €446.

L-esponenti madanakollu, umilment jikkontendi illi anke dawn iz-zewgt sentenzi ma jistghux iwasslu ghal recidiva that l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali. B'lealtà, l-esponenti jaccetta l-fatt illi dawn iwassslu ghal dak stipulat fl-artikolu 49 izda mhux ghal dak stipulat fl-artikolu 50.

L-artikolu 49 jiddisponi testwalment:

> *"Persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza li tkun saret definittiva, tagħmel reat ieħor:*

[22] Artikoli 2 u 7 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jitkellem dwar id-distinzjoni bejn delitti u kontravvenzjonijiet u l-pieni relattivi
[23] Bejn l-2010 u l-1998 kienu ghaddew iktar minn 10 snin
[24] Il-kundanna trid tikun inghatat qabel il-kommissjoni tal-allegat reat biex tghodd ir-recidiva.
[25] Fol 94 tal-process
[26] Fol 99 tal-process

*Iżda l-qorti tista', meta tkun qegħda tistabbilixxi l-piena, tikkunsidra sentenza li tkun ingħatat minn qorti barranija u li tkun għaddiet f'ġudikat."*

Filwaqt illi l-artikolu 50 tal-Kodici Penali jghid:

*"Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin <u>minn dak in-nhar li tkun skontat</u> jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor."*

Ghaldaqstant, filwaqt illi l-ezistenza ta' sentenza precedenti fil-konfront ta' imputat liema sentenza tkun saret definittiva, twassal lill-istess imputat biex jitqies recidiv ai termini tal-artikolu 49 jekk jaghmel reat iehor, biex ikun hemm recidiva ai termini tal-artikolu 50 iridu jigu pruvati certu fatturi ohra. Fosthom hemm it-trapass taz-zmien li l-ligi stess tikkontempla (i.e. li d-delitt l-iehor jsehh fi zmien 10 snin jekk il-piena tkun izjed minn hames snin, jew inkella hames snin biss fil-kazijiet l-ohra).

Dan it-trapass taz-zmien, madanakollu, kif tghid kjarament id-disposizzjoni tal-ligi jrid jigi kalkulat u jibda jiddekorri biss mid-data ta' <u>meta l-piena tkun giet skontata</u> u mhux minn meta s-sentenza tigi *res judicata*.

Fil-kazijiet ta' meta imputat jigi kkundannat ghall-prigunerija ghalhekk, id-data ta' meta l-piena tkun giet skontata hija effettivament id-data ta' meta l-individwu jkun hareg mill-habs ghaliex ikun skonta l-perjodu kollu kif kkundannat mill-Qorti. Fil-kaz ta' meta imputat jigi kkundannat ihallas multa, l-punto di partenza li jrid jigi kkunsidrat ai fini tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali hija d-data ta' meta effettivament giet imhallsa l-multa kollha.

Jsegwi ghalhekk, illi biex il-prosekuzzjoni tipprova l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali, trid iggib il-quddiem il-prova ta' meta effettivament giet skontata l-piena. Bhal kull prova ohra fil-kamp penali, hija l-prosekuzzjoni li trid iggib il-quddiem din il-prova u mhux l-imputat, u f'certu kazijiet, li tigi esebita biss is-sentenza tal-imputat ma hijiex bizzejjed stante li din ma tindikax meta effettivament giet skontata l-piena.

Dan il-punt ikun iktar importanti meta si tratta ta' multa. Dan tenut kont tal-fatt illi l-ligi stess tippermetti li f'certu kawzi tithallas fuq medda ta' massimu ta' tlett snin[27].

Fil-kaz in kwistjoni, l-esponenti umilment jissottometti illi ma gietx ippezentata l-prova mill-prosekuzzjoni, dwar jekk effettivament thallsux dawn iz-zewgt multi, u jekk thallsu, tad-data ta' meta thallsu. Ghaldaqstant, ma jistax jigi stabbilit liema data ghandha tittiehed in konsiderazzjoni biex jigu kalkulati l-hames (5) snin kontemplati fl-artikolu 50, u konsegwentament l-artikolu 50 ma jisatx jigi applikat.

Apparti minn hekk, jigi umilment sottomess, illi fil-kaz in kwistjoni stante li d-dati tas-sentenzi huma Novembru 2007 u April 2009 rispettivament, id-data tal-imputazzjoni mertu ta' dan l-umili appell, hija entro t-terminu ta' 3 snin zmien perentorju biex tithallas il-multa. U ghalhekk, bir-rispett, iktar u iktar kellha obbligu l-prosekuzzjoni li tipprezenta l-prova dwar il-hlas o meno tal-multi.

Dawn is-sottomissjonijiet supra huma wkoll konfortati mill-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell li analizzat id-differenza bejn l-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, fosthom il-***Pulizija vs Keith Camilleri*** deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-13 ta' Ottubru 2010 u ***il-Pulizija vs Richard Edwards et.,*** deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-13 ta' Ottubru 2010.

Din il-gurisprudenza u ohrajn, interprerati a *contrario senso,* iwasslu lill- esponenti biex umilment jissottometti illi jekk l-prosekuzzjoni li ghandha l-obbligu li tipprova l-imputazzjonijiet, ma ggibx il-quddiem il-prova ta' jekk gietx skontata l-piena u jekk giet skontata meta effettivament giet skontata, jsegwi illi l-prova tar-recidiva ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali ma tkunx saret.

Fl-ahhar lok, u ghal kompletezza, l-esponenti umilment jissottometti illi anke jekk wiehed jipprova jaghti daqqa ta' ghajn lejn il-fedina penali biex forsi jigi illuminat dwar jekk dawn il-multi kienux thallsu o meno sad-data tal-allegat reat mertu ta' dan l-appell, wiehed isib illi l-istess notamenti ikomplu jikkonfortaw it-tezi tad-difiza. Infatti filwaqt illi ghal certu sentenzi hemm imnizzel notament dwar meta giet imhallsa *'in full'* il-multa, fil-kaz taz-zewgt sentenzi datati 29/11/07 u

---

[27] Artikolu 14 (2) tal-Kodici Kriminali.

02/04/2009, ma hemm imnizzel xejn. Dan se mai, ikompli jsahhah l-argument illi l-prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova rigward il-pagament o meno tal-multi.

- Fedina penali

Jinghad bir-rispett, illi in vista tal-agrgavji supra dwar il-fatt illi l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali ma huwiex applikabbli ghal kaz in ezami, (tenut kont tal-fatt illi meta jigi applikat l-artikolu 50 dan iwassal biex il-piena tizdied bi grad) f'kaz ta' konferma ta' htija, dan l-aggravju wahdu ghandu awtomatikament iwassal ghal temperament fil-piena.

Madanakollu, ghal kull buon fini, l-esponenti sejjer ukoll jaghmel l-osservazzjonijiet umili tieghu rigward il-fedina penali.

L-esponenti, mhux ser jiddilunga fit-tul dwar il-gurisprudenza numeruza li dejjem irriteniet illi l-fedina penali ma hijiex sufficjenti biex tigi pruvata r-recidiva, izda jaghmel accenn biss ghall-kawzi fl-ismijiet il-***Pulizija vs Rene Bezzina***, deciza nhar it-12 ta' Settembru 2012, ***il-Pulizija vs Paul Abela***, deciza mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Settembru 2004, ***il-Pulizija vs Joseph Zahra***, deciza mill-Onorabbli Prim Imhallef V Degaetano nhar l-24 ta' Frar 2003 u ***il-Pulizija vs Jason James Agius***, deciza mill-Qorti tal-Appell nhar il-5 ta' Novembru 2001.

Ghal kull buon fini, però, minghajr pregudizzju ghas-sottomissjoni fil-paragrafu supra, izda ai fini ta' kompletezza biss, jinghad bir-rispett, illi anke jekk wiehed kellu jdur il-kundanni li effettivament jidru fuq il-fedina penali wiehed malajr jinduna li il-maggior parti taghhom huma jew dwar kontravvenzjonijiet[28], jew inkella dwar infrazzjonijiet tal-ligijiet li huma relatati mad-disposizzjonijiet tat-traffiku, inkluz anke reati involontarji.[29]

---

[28] Hemm 5 kundanni minhabba kontravvenzjonijiet.
[29] Hemm 6 kundanni relatati mat-traffiku.

L-esponenti, umilment jissottmetti illi huwa ma huwiex qieghed iressaq dan l-aggravju sabiex b'xi mod jipprova jiggustifika kwanlunkwe ksur ta' ligi, madanakollu, però bl-umiltà kollha jissottometti, illi ghalkemm il-fedina penali tieghu ma hijiex wahda incensurata, mill-banda l-ohra lanqas ma jidher li l-esponenti huwa "*beyond redemption*", u f'kaz ta' htija ma ghandux jinghata piena karcerarja effettiva.

Fl-umili fehma tieghu, l-esponenti jissottometti illi f'kaz ta' htija huwa ghandu jinghata sentenza li filwaqt illi tissalvagwardja s-socjetà u tagixxi bhala deterrent, mill-banda l-ohra tghin fir-riforma tal-imputat. Huwa biss jekk l-imputat jigi reformat, u moghti l-ghajnuna li jitnaqqas drastikament ic-cans ta' recidività. Apparti minn hekk, jekk wiehed jara n-natura tar-reati li hemm elenkati fil-fedina penali, ma humiex reati li jikklassifikaw l-awtur taghhom bhala xi bniedem perikoluz u ta' minaccja ghas-socjetà.

In sostenn tal-premess, l-esponenti jaghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet ***il-Pulizija vs Eusebio Busuttil***, deciza mill-Qorti tal-Appell nhar 27/03/2012, fejn l-imputazzjonijiet kienu dwar ricetazzjoni, u l-imputat kien recidivi wara li kien inghata zewgt sentenzi ta' habs effettiv, u nonostante ciò, il-Qorti ma imponietx sentenza ta' habs effettiv izda minflok ordnatlu li jaghmel xoghol fil-komunità.
Ikkunsidrat,

Illi l-imputat fl-ewwel aggravvju minnu intentat qieghed jikkontendi illi huwa qatt ma seta jigi misjub hati tar-reat ta' ricettazzjoni kif lilu addebitat fl-akkuza u dan billi il-fatti attribwieti lilu kienu jirreferu ghal data ohra u mhux dik indikata fl-akkuza. Illi minn dawn il-fatti jemergi illi semmai l-azzjonijiet tieghu kienu jirreferu ghal xi zmien fil-bidu tax-xahar ta' Novembru 2009 u mhux ghad-data tal-24 ta' Jannar 2010 u il-jiem ta' qabel din id-data.

Illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

*"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, <u>bil-partikularitajiet ta' zmien</u> u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw......"*

Illi fis-sentenza mghotija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fil-kawza f'l-ismijiet Pulizija vs John Mary Briffa, fejn l-appellant f'dik il-kawza gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "ghall-habta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "ghall-habta tas-7.30 a.m.", intqal li:

*"L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'l-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta' tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi f'l-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament"*

Illi dan l-istess principju gie riaffermat minn din l-istess Qorti f'diversi kawzi ohra inkluz dawk fl-ismijiet Il-Pulizija vs Warren Piscopo u Pulizija vs Rita Thuema, it-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011[30]. Dan ghaliex il-Qorti qatt ma tista issib htija dwar il-kummissjoni ta' xi reat li ikun sehh fi zmien iehor u mhux dak indikat fl-akkuza, cirkostanza li hija tant materjali u sostanzjali fil-kaz imressaq 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni. Dan ghaliex l-artikolu 360 stess ifisser kif ghandha tigi redatta ic-citazzjoni u liema huma dawk l-indikazzjonijiet mehtiega sabiex il-persuna imharrka tkun tista thejji id-difiza taghha tajjeb u dan bil-fatti kif indikati lillha f'dik ic-citazzjoni. Issa jekk dawk il-fatti ikunu gew indikati hazin, allura il-binarji ta'l-azzjoni ma ikunux gew definiti jew ikunu gew definiti hazin.

Issa f'dan il-kaz l-appellanti qed jigi akkuzat bir-reat tar-ricettazzjoni u cioe' illi huwa xtara hwejjeg misruqa. Necessarjament allura dina l-azzjoni kriminuza, dan l-att materjali tar-reat, element essenzjali ghas-sisien tieghu, irid jirreferi ghal zmien specifiku billi l-azzjoni ta'l-akkwist f'dan il-kaz ta' kaxxa tal-hadid ta' vettura, necessarjament hija istantanja.

[30] Ara ukoll Il-Pulizija vs Ramon Mifsud Grech et – 23/04/2012 (Qorti tal-Magistrati)

*"il reato di ricettazione ha natura istantanea e si perfeziona allorche l'agente riceve le cose di illecita provenienza, a nulla rilevando il momento in cui esse vengono rivenute in suo possesso o ne sia accertata la detenzione*[31]*"*.

Issa mill-atti probatorji jirrizulta li l-akkuza tirreferi ghad-data tal-24 ta' Jannar 2010 u l-jiem ta' qabel. Issa:

1. id-derubat jikkontendi illi fil-lejl ta' bejn id-09 u l-10 ta' Frar 2009 insteraqlu it-trakk tax-xoghol tieghu armat bil-kaxxa, flimkien ma' xi ghodda u dan mill-garaxx tieghu gewwa z-Zurrieq.
2. F'Jannar tas-sena 2010 id-derubat ighid li lemah dina il-kaxxa ma' vann iehor u dan hdejn il-bieb ta' Haz Zebbug u ghalhekk mar jaghmel rapport l-ghassa.
3. Ir-rapport igib id-data tal-24 ta' Jannar 2010.
4. L-appellanti jikkontendi illi dina l-kaxxa jew kabina inxtrat minnu ghal habta tal-bidu ta' Novembru 2009 ghal prezz ta' €500. Dan il-fatt gie iddikjarat mill-appellanti mal-arrest tieghu meta gie interrogat mill-pulizija u fil-fatt tinsab riflessa fl-istqarrija rilaxxjata minnu u esebieta in atti, sussegwentement riaffermat fix-xhieda tieghu.

Stabbiliti dawn l-elementi ta' dritt u ta' fatt, ghandu jirrizulta allura illi d-data jew iz-zmien li kellha/kellu j/tigi indikat/a fl-akkuza kellu/ha tkun dik meta l-awtur tar-reat ikun irceva l-oggett misruq. Issa mill-atti jirrizulta indubitat illi l-Prosekuzzjoni kienet mill-bidunett a konoxxenza ta' dak li kien qed jigi allegat mill-appellanti ghar-rigward tad-data tar-ricettazzjoni tal-oggett allegatament misruq, u dan sahansitra mill-interrogazzjoni ta'l-appellanti li sehhet fil-25 ta' Jannar 2010. Kwindi huwa inspjegabbli kif id-data ta'l-akkuza tirreferi ghall-'**24 ta Jannar 2010 u il-jiem ta' qabel**' meta jirrizulta illi din kienet biss id-data meta id-derubat ghamel ir-rapport lil pulizija illi kien lemah il-kaxxa tat-trukk tieghu fuq vann iehor u mhux id-data ta' meta allegatatment sehh il-kummissjoni tar-reat tar-ricettazzjoni. Dan iktar u iktar meta kien jirrizulta ukoll bhal fatt inkonfutabbli illi s-seraq kienet sehhet madwar sena qabel fl-10 ta' Frar 2009 u allura ir-reat seta' sehh fi kwalunkwe zmien bejn

[31] Cass. 17 maggio 2007, n.23395

dawn iz-zewg dati u cioe' l-10 ta' Frar 2009 u l-24 ta' Jannar 2010. Abbinat ma dan, imbaghad hemm id-dikjarazzjoni ta'l-appellanti fl-istqarrija tieghu li mal-ewwel jinforma lil-pulizija illi huwa kien xtara il-kaxxa misjuba fil-pussess tieghu fil-bidu ta' Novembru 2009. Kwindi d-data indikata fic-citazzjoni qatt ma kellha tigi indikata bhala l-'24 ta' Jannar 2010 u l-jiem ta' qabel' billi dan ifisser illi l-appellanti kien qed jigi akkuzat illi ikkometta r-reat addebitat lilu f'dik il-gurnata jew f'xi granet qabel dik id-data u mhux fix-xhur ta' qabel. Illi il-bidu ta'Novembru 2009 certament ma jistax jaqa' fil-kwalifika tal-kliem "il-jiem ta' qabel" billi dan jirreferi ghax-xahrejn u nofs li ipprecedew iz-zmien indikat. Il-Qorti allura ser tieqaf hawn u tistqarr minnufih illi l-appellanti ghandu ragun fl-ewwel aggravvju minnu intentat. Dan ghaliex huwa qatt ma jista' jigi misjub hati li ikkometta r-reat lilu addbitat fid-data indikata fic-citazzjoni billi kellu jirrizulta ampjament mill-atti illi semmai dan ir-reat sehh ghal habta tal-bidu ta'Novembru 2009 jew ghal ta'l-inqas fix-xhur bejn Frar 2009 u Jannar 2010 u mhux certament fiz-zmien indikat fl-akkuza.

Ghaldaqstant ghal motivi hawn fuq migjuba l-appell ta'l-imputat jisthoqqlu akkoljiment abbazi ta' dan l-ewwel aggravvju minnu intentat. Il-Qorti ghalhekk ma tarax illi hemm ghalfejn tinoltra ruhha fi stharrig tal-impunjattiva l-ohra minnu intentati.

Ghaldaqstant, il-Qorti qed tilqa' l-appell interpost, tirrevoka is-sentenza appellata, u tghaddi biex tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni u htija.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur